Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 239 / 2017

Il-Pulizja

Vs

Josaphat Fenech

Illum 30 ta' Novembru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Josaphat Fenech detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 580291 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-29 ta' Mejju, 2016, fi Triq Birzebbugia, Birzebbugia saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAS 885:

1. B' manjiera traskurata;
2. B' manjiera perikoluza;
3. U bla kont;
4. Kif ukoll b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjooni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt

hruq, jew ghamilt hsara jew hassart jew gharraqt xi haga ghad-dannu ta' Matthew Fenech, Louise Fenech, Christian Fenech u Melanie Psaila;

5. U aktar soqt jew ippuvajt issuq jew kellek kontroll tal-vettura Nru. JAF 885 fit-triq jew f' post pubbliku meta ma kontx f' kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi;
6. Kif ukoll talli rrifjutajt jew nqast milli taghti skont il-ligi kampjun tan-nifs.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 t' April, 2017, fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-akkuzi dedotti kontrih.

Rat l-Artikoli Sec. 15 (1) (a) (2) Kap. 65, Sec 328 (d) Kap 9; Sec 15 A, 15 E (4) Kap 65 u SEC 15H tal-Kap 65.

Ikkundannatu multa komplessiva ta' 500 Euro u sitt xhur (6) sospensjoni tal-licenzja.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Josaphat Fenech, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-3 ta' Mejju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti billi joghgobha tilqa dan l-appell billi **THASSAR U TIRREVOKA** s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement **TILLIBERAH** minn kull htija u piena; jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. **Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u l-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija tal-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellant;**

Illi l-appellant jinsab akkuzat illi nhar id-29 ta' Mejju 2016, fi Triq Birzebbugia, Birzebbugia saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAF 885 b'manjiera perikoluza, traskurata, u bla kont u aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' hila ikkaguna hsarat. Illi inoltre gie akkuzat illi saq il-vettura meta ma kienx f'kundizzjoni illi jixrob minhabba xorb jew drogi.

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni fost l-ohrajn ressqet lill-allegati vittmi jixhdu u jispjega x'gara dakinhar tal-incident u xhieda b'affidavit ta' Ufficjal tal-Pulizija illi mar fuq il-post mertu tal-incident in kwistjoni. Illi l-appellant ghalkemm m'huwiex obbligat li jixhed iddecieda li jixhed u jaghti spjegazzjoni tal-verzjoni tal-fatti.

Illi f'dan l-isfond jinghad illi l-appellant m'huwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi, w cioe *beyond reasonable doubt.*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Peter Ebejer, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller v Minister of Pension - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt':

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Illi ssir referenza wkoll ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija

tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor. Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

Illi inoltre jigi rilevat illi l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament.

Illi jibda biex jinghad illi fil-kaz odjern hemm diversi nuqqasijiet min-naha tal-Prosekuzzjoni illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bhallikieku naqset milli tikkunsidra u tiehu konjizzjoni taghhom meta giet biex tiddeciedi dwar il-mertu tal-proceduri odjerni. Illi l-ewwelnett jigi rilevat illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ttella' bhala xhud kemm *viva voce* jew anke permez ta' affidavit lill-Pulizija l-iehor illi kien prezenti u cioe' PC 881. Illi fil-fatt jigi rilevat illi nonostante illi fuq il-post marru zewg ufficjali tal-Pulizija u cioe' PS 816 u PC 881 il-Prosekuzzjoni ressqet biss il-prova permezz ta' affidavit ta' PS 816 izda l-verzjoni kemm bil-fomm u/jew permezz tal-affidavit ta' PC 881 hija nieqsa kompletament mill-atti. Illi l-appellant jikkontendi illi dan huwa nuqqas serju min-naha tal-Prosekuzzjoni illi naqset illi ggib prova daqshekk importanti illi setghet tikkonferma jew le il-verzjoni moghtija mill-kollega tieghu. Illi inoltre l-appellant isaqsi kif marru fuq il-post zewg ufficjali tal-Pulizija fejn jirrizulta illi z-zewg ufficjali tal-Pulizija hadu l-verzjonijiet tan-nies involuti izda l-Prosekuzzjoni tipprezenta affidavit ta' Pulizija wiehed biss?

Illi t-tieni nuqqas riskontrat fil-proceduri odjerni huwa l-fatt illi ghalkemm PS 816 S. Vassallo jghid illi hejja sketch tal-kolluzjoni din l-istess sketch ma tirrizultax mill-atti u ma tinsabx fl-inkartament kriminali isaqsi fejn tinsab din l-isketch illi jaghmel referenza l-istes ufficjal tal-Pulizija? Illi zgur illi tali sketch setghet tghin lill-Qorti sabiex tasal ghat-tfittxija tal-verita' u dan peress illi kienet titfa' dawl fuq fejn kienu l-vetturi mertu tal-incident in kwistjoni u anke d-distanzi involuti, ecc.

Illi inoltre jirrizulta b'mod car u ampju illi l-Ufficjali tal-Pulizija illi marru fuq il-post naqsu milli jaghtu lill-appellant id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu u dan kemm meta waqfuh l-ewwel darba u anke meta haduh gewwa l-ghassa tal-Pulizija. Illi l-eskluzjoni totali ta' avukat tal-fiducja tal-esponenti mill-istadju tal-investigazzjoni, partikolarment waqt illi kien qieghed jigi mitkellem mill-Ufficjali tal-Pulizija huwa leziv tad-drittijijet fundamentali tieghu ghall-smiegh xieraq u hija ta' pregudizzju kbir ghall esponenti.

Illi d-dritt tal-esponenti taht l-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kien irrimedjabbilment pregudikat meta huwa kien mitkellem mill-Pulizija Ezekuttiva waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u dak kollu li ntqal minnu sussegwentement intuza kontra tieghu.

Illi d-dritt tal-assistenza legali ghall-persuni suspettati waqt l-investigazzjoni, bhala aspett tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq ai termini tal-Artikolu 39 tal Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem gie stabbilit permezz ta' gurisprudenza kopjuza u kostanti tal-Qorti Ewropea tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem liema dritt gie ritenut illi jigi miksur anke jekk il-persuna suspettata u investigata tibqa' siekta tul il-kors kollu tal-arrest taghha;

Illi b'referenza ghall-Qorti ta' Strasbourg fis-sentenza celebri tal-Grand Chamber **Salduz vs. Turkey** datata 27 ta' Novembru 2008 u sentenzi ohra sussegwenti fl-istess vena fejn il-principju stabbilit f'Salduz gie segwit, il-Qorti Ewropea tishaq li d-drittijiet sanciti mill-Arikolu 6 (1) u 6 (3) (c) tal-Konvenzjoni jinkludu d-dritt ta' assistenza legali sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-Pulizija, u sahansitra qabel ma persuna tirrilaxxa l-istqarrija taghha:

*"In order for the right of a fair trial to remain sufficiently "practical and effective", Article 6 (1) [of the Convention] requires that,* ***as a rule*** *access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may* ***exceptionally*** *justify denial of access to a lawyer such*

*restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6...the rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction." (S 55)*

Illi ulterjorment l-esponent jaghmel referenza ghal **Panovits vs. Cyprus** tal-11 ta' Dicembru 2008 fejn il-Qorti affermat li:

*"as regards the applicant's complaints which concern the lack of legal consultation at the pre-trial stage of the proceedings, the Court observes that the concept of fairness enshrined in Article 6 requires that the accused be given the benefit of the assistance of a lawyer already at the initial stages of police interrogation. The lack of legal assistance during an applicant's interrogation would constitute a restriction of his defence rights in the absence of compelling reasons that do not prejudice the overall fairness of the proceedings."*

Illi fil-kaz **Dayanan v. Turkey (13.10.2009 (II))** il-Qorti Ewropea rriteniet is-segwenti;

*"As emerges from the generally recognized international norms, which the Court accepts and which complement its case-law, a suspect must be afforded assistance by a lawyer as soon as he has been deprived of his liberty, whether or not he is to undergo interrogations.*

…

*The principle of fair trial requires that a* ***suspect be afforded the vast range of interventions that are inherent to legal advice. In this respect, the discussion of the case, the organization of the defence, the search for favourable evidence, preparation for interrogations, support of the suspect in distress and control of the conditions of detention are essential elements of the defence which the lawyer must be free to perform.*** *( S 32, private translation; emphasis added)*

*In the instant case it is not disputed that the applicant was not assisted by a lawyer when he was in custody, as such assistance was not allowed by the law in force at the relevant time.*

***In itself, such a systematic restriction based on relevant statutory provisions warrants the conclusion that the requirements of Article 6 have not been met, irrespective of the fact that the applicant remained silent throughout his custody."***

Illi huwa *ormai* ben stabbilit li d-dritt ghall-avukat huwa **r-regola,** filwaqt li r-restrizzjonijiet huma **l-eccezzjoni, fejn ikun hemm** *compelling reasons* **jew ragunijiet gravi w impellenti.**

Illi *inoltre* l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Pischalnikov v. Russia** deciza fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) spjegat fid-dettal il-funzjonijiet varji u teknici tal-avukat fl-istadju tal-investigazzjoni:

*"Having been denied legal assistance, the applicant was unable to make the correct assessment of the consequences his decision to confess would have on the outcome of the criminal case …* ***In the absence of assistance by counsel, who could have provided legal advice and technical skills, the applicant could not make full and knowledgeable use of his rights afforded by the criminal procedural law."***

Illi l-mankanza tal-assistenza legali jippregudika sostanzjalament is-sitwazzjoni tal-akkuzat u dan kif spjegat mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **Pavlenko vs. Russia** deciz fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

*"Thus even though at the trial the applicant had an opportunity to challenge the evidence against him in adversarial proceedings with the benefit of legal advice the Court reiterates its foregoing findings concerning the legal assistance in the pre-trial proceedings, and concludes that the shortcomings in respect of the legal assistance at that stage seriously undermine the position of the defence at the trial." (Section 119)*

Illi ricentament il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem b'sentenza fl-ismijiet **Mario Borg vs. Malta** datata tnax (12) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016) sabet lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem senjatament dawk taht l-Artikolu 6 (1) u (3) tal-Konvenzjoni Ewropea. F'dan ir-rigward il-Qorti rriteniet illi d-

dritt tal-assistenza legali ghandha tkun ir-regola generali u tali dritt ghandu jinghata mill-istadju inizjali tal-investigazzjoni salv f'cirkustanzi eccezzjonali. Kompliet ittenni li d-dritt tad-Difiza jkun ippregudikat meta persuna taht invesitgazzjoni taghti stqarrija fejn tinkrimina lilha nnifisha minghajr ma tkun inghatat id-dritt illi tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha. Inoltre, l-istess Qorti rriteniet illi c-cahda sistematika ta' dan id-dritt huwa leziv tal-Artikolu 6 u cioe' dak ghal smiegh xieraq. Fil-fatt, l-istess Qorti sahqet illi:

*"(i) General principles*

*56. Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 54, ECHR 2008).*

*57. The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction (see Salduz, cited above, § 55).*

*58. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6 (ibid., § 56).*

*(ii) Application to the present case*

*59. The Court observes that the post-Salduz case-law referred to by the Government (paragraph 53 in fine) does not concern situations where the lack of legal assistance at the*

*pre-trial stage stemmed either from a lack of legal provisions allowing for such assistance or from an explicit ban in domestic law.*

*60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, Salduz, cited above, § 56; Navone and Others v. Monaco, nos. 62880/11, 62892/11 and 62899/11, §§ 81-85, 24 October 2013; Brusco v. France, no. 1466/07, § 54, 14 October 2010; and Stojkovic v. France and Belgium, no. 25303/08, §§ 51-57, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; Yeşilkaya v. Turkey, no. 59780/00, 8 December 2009; and Fazli Kaya v. Turkey, no. 24820/05, 17 September 2013).*

*61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see Salduz, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).*

*62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see Salduz, cited above, §§ 52, 55 and 56).*

*63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention.*

Illi addirittura fil-"consenting opinion" tieghu l-Imhallef Pinto De Albuquerque qal illi l-interpretazzjoni li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kienet qed taghti ghas-sentenza tal-Qorti Ewropea ta' Salduz, fi proceduri simili ghal tal-protestant, kienet tammonta ghal "breach of the "constitutional instrument of European public order"

and its "peremptory character". Aktar minn hekk, l-istess Imhallef sahaq illi "*In other words, the Government is claiming that Salduz did not posit a principle of law and therefore national courts may depart from it when the facts of a case are not exactly the same as those in Salduz. This view not only downgrades Salduz to the rank of a strictly fact-sensitive understatement by the Grand Chamber, but, worse still, reflects a wrong and worrying methodological perspective on the Court's role and the legal force of its judgments.*

Illi finalment jinghad li l-istess consenting opinion tkompli tikkontradici l-posizzjoni li hadet il-Qorti Kostituzzjonali fl-interpretazzjoni ta' dan id-dritt fundamentali. Fil-fatt l-istess opinjoni tghid hekk:

*In spite of the crystal-clear course taken by the Court towards reinforcing the right to legal assistance for defendants from the very beginning of the investigation and particularly when in police custody or during police questioning, the Constitutional Court of Malta chose to contradict the letter and the spirit of the Grand Chamber's judgment, introducing a broadly formulated caveat to its applicability: the vulnerability of the defendant. No plausible grounds were given for this radical change from the same Constitutional Court's prior case-law, which had specifically denied the "decisive" role of the age or vulnerability factor in the determination of the Salduz right to legal assistance. Worse still, no specifics were provided as to the relevant characteristics of vulnerable persons. On this fragile legal basis, the impact of the Grand Chamber case-law was, in practical terms, limited to "exceptional" cases.*

Illi inoltre fis-sentenza ricenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Camilleri** deciza fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016), il-Qorti filwaqt li ghamlet referenza ghal diversi sentenzi (hawn fuq ikkwotati) sahqet is-segwenti:

*Illi d-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda ukoll ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'linterrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti*

*sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta'l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji d-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali, madanakollu kienet recentement ziedet linji gwida ohra ghal gudikant li ikollu f'idejh id-decizjoni dwar jekk ghandux jiehu kont ta' stqarrija tal-interrogat bhala prova in atti sabiex jasal ghal gudizzju tieghu. Gie deciz illi fuq kollox ghandu jittiehed kont tal-fattispecje ta' kull kaz fost ohrajn il-vulnerabbilita tal-persuna li tkun qed tigi interrogata (fosthom l-eta, il-precedenti penali) l-jedd li lpersuna interrogata kellha biex tibqa' siekta u ma twegibx ghal dawk il-mitoqsijiet li jistghu jinkriminawh, l-inattivita da parti ta'l-akkuzat milli jipprova jattakka l-validita ta'l-istqarrija tieghu mill-bidunett tal-proceduri, l-provi l-ohra li hemm fl-atti, fost ohrajn.*

*...*

*Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni ad hoc li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet. Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Navone vs Monaco, nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza ta'l-avukat matul linterrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll Yesilkaya vs Turkey – 59780/00 08/12/2009, Fazli Kaya vs Turkey – 24820/05 17/09/2015).*

*Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni ta'l-artikolu 6(3) u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.*

...

*Illi dan l-Ewwel Qorti ma setatx taghmlu u allura din il-Qorti ser tilqa' dan l-aggravvju imressaq 'il quddiem mill-appellanti u ghalhekk ser tiskarta l-istqarrija ta'l-appellanti rilaxxjata fis-17 ta' April 2002 bhala prova u dan fid-dawl tad-decizjonijiet hawn fuq iccitati.*

Illi apparti dawk il-konstatazzjonijiet maghmula mill-appellant jigi rilevat illi l-Ufficjali tal-Pulizija *a tempo vergine* kelmu kemm lill-appellant kif ukoll lill-vittmi. Illi sussegwentement kemm il-vittmi kif ukoll l-appellant xehedu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn bazikament l-appellant kkonferma l-verzjonijiet minnu moghtija. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti bazikament ibbazat il-kaz taghha biss fuq il-verzjoni moghtija permezz ta' affidaivt ta' Ufficjal ta' Pulizija u dan peress illi l-Prosekuzzjoni ma kwazi ressqet l-ebda prova ohra. Illi fil-fatt, l-appellant umilment jirrileva illi x-xhieda illi tellghu l-Prosekuzzjoni u cioe' Matthew Fenech, Louise Fenech, Christian Psaila u Melanie Psaila ma tantx kienu rilevanti ghall-kaz odjern stante illi hadd minnhom ma ra d-dinamika tal-incident. Illi fil-fatt, hadd ma ra lill-appellant jahbat u hadd ma jaf kif l-appellant habat stante illi huma indunaw illi kien sehh incident wara biss illi l-appellant kien diga' habat. Illi ghalhekk l-appellant jikkontendi illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib htija tal-ewwel tlett akkuzi stante illi mhemm l-ebda prova fl-inkartament kriminali illi l-appellant saq b'manjiera traskura, perikoluza u bla kont. Illi fil-fatt, l-appellant kemm *a tempo vergine* meta tkellem mal-Pulizija kif ukoll meta xehed bil-gurament tieghu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti spjega illi dan l-incident sehh mhux ghax kien qed isuq b'mod perikoluz jew b'xi velocita' eccessiva imma sempliciment minhabba l-fatt illi qisu tah black out fejn fil-fatt jistqarr:

*kont niezel mill-pjazz ta' B'Bugia lisfel u tani black out. Mandix idea x'gara, qass brake mark ma hemm.*

Illi ghalhekk tenut kont tal-verzjoni tal-fatti hekk kif intqalet mill-appellant kemm *a tempo vergine* kif ukoll quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti u tenut kont tal-fatt ukoll illi hadd mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ma ra l-incident jew id-dinamika tal-incident, u tenut kont tal-fatt illi nonostante illi tissemma' illi saret skecc tal-incident din ma gietx esebita fl-inkartament kriminali, dan ifisser illi l-appellant ghandu jigi liberat mill-ewwel tlett akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fir-rigward tar-raba' akkuza l-appellant jikkontendi illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova tal-hsara illi giet imgarrba fejn sahansitra anke fl-affidavit stess hemm imnizzel illi sad-data tal-affidavit huwa baqa' ma rcieva l-ebda stima tal-hsarat. Illi fil-fatt, jigi rilevat illi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma giet esebita l-edba stima tal-hsarat illi gew imgarrba u lanqas biss irrizulta illi l-vittmi garrbu xi hsarat fil-propjeta taghhom. Illi zgur illi ma rrizultax lill hinn minn kull dubju dettatt mir-raguni illi l-appellant minhabba nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kkaguna xi hsara/hsarat jew gharraq xi haga ghad-dannu ta' Matthew Fenech, Louise Fenech, Christian Psaila u Melanie Psaila.

Illi fir-rigward tal-hames u s-sitt akkuza illi huma relatati ma' xulxin stante illi t-tnejn jirrigwardaw l-konsum ta' xorb l-appellant jirrileva illi ma kellux jinstab hati taghhom lanqas. Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-argument rigward id-dritt tal-avukat japplika anke hawn fir-rigward tal-*breathlyser test* fejn apparti illi l-appellant kellu jigi mistoqsi u spjegat il-konsegwenzi talli taghmel jew ir-rifjut illi taghmel tali *test,* kellu jinghata wkoll id-dritt illi jikkonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu.

Illi fuq il-mertu l-appellant jikkontendi illi l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

*"(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha lkontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fit-triq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li mhijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapacita taghha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa."*

Illi l-gurisprudenza tghallem li ghalkemm ma hemmx necessarjament ness bejn ir-reat kontemplat fis-subartikolu (1) talArtikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta u l-fatt li l-analizi tan-nifs (a differenza tat-test tan-nifs) ikun inkomplet jew ma jsirx, madanakollu:

*"Kif din il-Qorti kellha okkazzjoni tosserva fis-sentenza taghha tat-2 ta' Settembru, 1999 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace, biex jigi deciz jekk persuna kinitx qed issuq meta l-kapacita` taghha li ssuq sew [kienet] ghal xi hin imnaqqsa" minhabba xorb (jew drogi) bi ksur tal-Artikolu 15A, wiehed jista' jiehu in konsiderazzjoni provi ohra, cioe` apparti mir-rizultat o meno tal- 4 analizi maghmula skont l-Artikolu 15E. Tali prova ohra tista' tinkludi l-komportament u l-kundizzjoni fizika tas-sewwieq, kif ukoll ir-rizultat tat-test (preliminari) tan-nifs maghmul taht lArtikolu 15C. Meta l-ligi titkellem dwar "inkapacita` fizika jew mentali" qed tirreferi ghall-inkapacita` li trid tezisti indipendentement millistat ta' intossikazzjoni li tkun fiha l-persuna li tintalab taghti lkampjun, kif ukoll indipendentement mill-ansjeta` dovuta ghallfatt li dik il-persuna tkun involuta f'incident awtomobilistiku." (Il-Pulizija vs Marlon Montebello – App.Inf. – 09/02/2001)*

Dak li kellu jigi stabbilit allura, skont it-taghlim gurisprudenzjali surriferit huwa jekk il-kumpless tal-provi kinux sufficjenti sabiex iwassal lill-Qorti ghall-konkluzzjoni b'sahhitha li l-imputat kien xurban filwaqt li kien qieghed isuq, u li l-istat tieghu ta' sokor kien tali li affettwa l-mod tas-sewqan tieghu.

Illi gie deciz:

*"…. meta persuna tirrifjuta li tossottometti ruhha ghall-ezami tan-nifs f'dak illi huwa maghruf bhala "roadside test", dan jaghti lok ghall-arrest tal-persuna u mhux ghar-reat indikat fic-citazzjoni. Ir-reat imbaghad jigi ikkunsmat meta dak li jkun jittiehed fil-kwartieri generali tal-pulizija fejn hemm l-apparat ordnat milligi u f'dak l-istadju jirrifjuta illi jiehu l-ezami..* (Il-Pulizija vs Ramon Fenech App.Inf – 26/03/2015).

Illi din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta sahansitra kienet ghamlet studju approfondit bejn ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 15(C) u l-artikolu 15(E) meta inghad:

*"Il-ligi tiddistingwi bejn kampjun tan-nifs li jista' jintalab li jinghata ghallfinijiet ta' test tan-nifs (Art. 15C), u z-zewg kampjuni li jistghu jintalbu li jinghataw ghall-finijiet ta' l-analizi permezz ta' strument approvat (Art. 15E(1)(a)). Huwa biss jekk wiehed jirrifjuta jew jonqos milli jaghti wiehed jew aktar minn dawn iz-zewg kampjuni (cioe` ghall-finijiet tal-analizi permess ta' strument approvat) li wiehed ikun qed jikkommetti r-reat kontemplat fl-imsemmi subartikolu (4) tal-Artikolu 15E. Dan huwa car mill-kliem adoperati fl-imsemmi subartikolu: "Persuna li tirrifjuta jew tonqos milli taghti kampjun kif mahsub taht dan l-artikolu [u mhux ukoll taht l-Artikolu 15C] tkun hatja ta' reat…" Persuna li tirrifjuta li taghti n-nifs ghall-finijiet tat-test tan-nifs, jigifieri ghallfinijiet ta' dak li komunement jissejjah ir-roadside test (ara d-definizzjoni ta' "test tan-nifs" fl-Artikolu 15I(1)) tkun soggetta li tigi arrestata taht l-Artikolu 15D (basta li tkun inghatat it-twissija imsemmija fil-paragrafu (b) tal-imsemmi Artikolu 15D), mehuda d-Depot tal-Pulizija, u biss jekk hemm, cioe` fid-Depot, tibqa' tirrifjuta jew tonqos milli taghti n-nifs kif mehtieg ghall-analizi, u minghajr raguni valida skond il-ligi, tkun hatja tar-reat kontemplat fl-Artikolu 15E(4)."* (Il-Pulizija vs Julian Sciberras – App. Inf. 13/03/2001)

Illi l-appellant umilment isaqsi illi peress illi jidher b'mod car mill-affidavit ta' PS 816 illi inizjalment huwa accetta illi jaghmel *breathalyzer test* ghala l-Ufficjali tal-Pulizija mghamlulhux immedjatament dak li jissejjah ir-*roadside test* fejn hemmhekk stess kienu jistabilixxu jekk verament l-appellant kienx xurban jew le. U dan ghaliex peress illi xhin l-appellant ittiehed l-Ghassa huwa imbaghad irrifjuta illi jaghmel tali test ghax fi kliemu stess quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti tqazzez l-apparat illi ma deherx illi kien ta' *standards* gholjin u nadif u allura beza' illi jekk jaghmel tali test ikun ta' periklu ghal sahhtu.

Illi finalment jigi rilevat ukoll illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni illi ngabu jixhdu viva voce u cioe' Matthew Fenech, Louise Fenech, Christian Psaila u Melanie Psaila hadd minnhom ma rrileva illi l-appellant deher xurban jew illi beda jitlef il-bilanc ta' persuntu kif iddeskriva illi rah PS 816 S. Vassallo. Jibda biex jinghad illi l-Ufficjal tal-

Pulizija l-iehor u cioe' PC 881 ghalkemm kien prezenti ma nafux x'ra stante illi la xehed viva voce u lanqas hemm affidavit tieghu fl-inkartament kriminali. Illi izda x-xhieda pajzana illi xehedu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti lkoll iddeskrivew illi l-appellant ma deherx xurban izda biss mahsud minhabba l-incident *de quo* anzi lkoll stqarrew illi bdew ikelmuh u hu jkellimhom lura u fl-ebda mument ma qalu illi l-appellant deher xurban u/jew illi beda jitlef il-bilanc ta' persuntu. Illi ghalhekk hawnhekk ghandna kunflitt ta' provi bejn ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess senjatament bejn l-erba' xhieda illi xehedu viva voce u l-affidavit ippreparat u maghmul minn PS 816 S. Vassallo illi qalu zewg affarijiet totalment opposti.

Illi dan ifisser allura illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib provi sostanzjali fil-kaz odjern biex forsi tipprova l-kaz taghha fir-rigward tal-hames u tas-sitt akkuza u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni ghazlet illi tibqa' biss fuq il-verzjoni illi tinsab fl-affidavit mill-ufficjal tal-Pulizija. Illi inoltre jezisti anke kunflitt ta' provi bejn dawk minhabba illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib provi sufficjenti illi jwasslu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tkun tista' telimina tali kunflitt. Illi ghalhekk mix-xhieda kollha jirrizulta illi fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni ghandha nuqqasijiet enormi liema nuqqasijiet ghandhom jillimitaw favur l-appellant u ghaldaqstant ghandu jigi liberat.

**B. Piena Erogata**

Illi dan l-aggravju qieghed isir minghajr pregudizzju ghas-suespost u jirrigwarda l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti, u cioe' multa komplessiva ta' hames mitt ewro (€500) u s-sospensjoni tal-licenzja ghal perjodu ta' sitt (6) xhur fejn bir-rispett kollu, tali piena hija wahda esagerata u sproporzjonata meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz.

Illi l-appellant jirrileva illi bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn li l-piena ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri</u>** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tarreat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li filmaggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l- iskop tal-ligi kriminali u talpiena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum ilkuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq ittajba"*

Illi filwaqt illi l-appellant jibqa' jipprotesta l-innocenza tieghu huwa jirrileva illi jekk ghas-sahha tal-argument din l-Onorabbli Qorti ssibu hati, meta din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti l-piena ghandha tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-appellant huwa impjegat b'impjieg fiss u s-sospensjoni tal-licenzja se jkollha effett negattiv ferm fuqu minhabba x-xoghol bil-konsegwenza illi jaf jitlef xogholu.

Ghalhekk il-piena ta' multa komplessiva ta' hames mitt ewro (€500) kif ukoll is-sospensjoni tal-licenjza ghal perjodu ta' sitt (6) xhur kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Ikkunsidrat,

Illi l-impunjattiva imressqa mill-appellanti hija wahda limitata ghall-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u tal-ligi applikabbli fir-rigward tas-sejbien ta' htija. Jishaq illi kull dubbju li seta kellha l-Ewwel Qorti imwieled mill-kunflitt tal-provi li kien hemm fl-atti, kellu jimmilita favur l-appellanti/imputat. Jilmenta illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq xhud importanti u cioe' il-PC881 li acceda ukoll fuq il-post flimkien ma' PS816, naqqset il-Prosekuzzjoni milli tipprezenta l-iskizz ta'l-incident ghalkemm issir referenza ghalih fl-affidavit tas-surgent 816, ressqet bhala prova dak dikjarat mill-appellanti lill-pulizija *a tempo vergine* meta dan ma kienx moghti l-jedd li jiehu parir legali. *Di piu* hadd mix-xhieda imressqa mill-prosekuzzjoni ma ra l-incident isehh u kwindi ma setghux jikkonstataw jekk is-sewqan tal-appellanti kienx vjolattiv tan-normi u ligijiet tat-traffiku. Finalment jilmenta illi ma tressqet l-ebda prova dwar il-hsarat subiti mill-parti leza sabiex b'hekk ir-raba akkuza ukoll ma gietx sufficjentement ippruvata, kif lanqas ma hemm prova dwar l-allegat konsum ta'l-akohol minn naha ta'l-appellanti.

Ikkunsidrat,

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha[1]. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

Illi f'dan il-kaz din il-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' ix-xhieda kollha li xehdu *viva voce* f'dawn il-proceduri. Illi ma hemmx dubbju illi l-impatt f'din il-kollizzjoni kien wiehed konsiderevoli bl-appellanti ghal xi raguni jahbat go vettura ipparkeggjata u

---

[1] Ara fost ohrajn Il-Pulizija vs Raymond Psaila et – 12/05/1994; Il-Pulizija vs Amadeo Brincat – 06/06/1994, Il-Pulizija vs Carmelo Schembri – 28/04/1995; Il-pulizija vs Ezzawi Mehemed 03/11/1995

jimbottaha sabiex il-vetturi jibqghu dehlin f'parapett ta' residenza fil-vicin. L-appellanti jishaq illi huwa kellu '*blackout*' waqt li kien qed isuq u ma jafx x'gara, filwaqt illi l-pulizija li acceda fuq ix-xena ta' dan is-sinistru stradali jishaq illi fuq l-appellanti tinxtamm riha ta' xorb. Huwa minnu ukoll illi hadd mix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni ma ra l-impatt isehh, madanakollu mill-provi indizzjarji jista' jigi stabbilit illi l-incident sehh f'gurnata tar-rebbiegha meta kien diga dalam. Kienu l-ghaxra neqsin kwart ta' fil-ghaxija. Il-vettura tal-parti leza kienet ipparkeggjata u kwindi ma setatx kienet kagun ta' dan is-sinistru. L-appellanti habat fuq in-naha ta' wara tal-vettura tal-parti leza Matthew Fenech u bl-impatt din il-vettura giet imbuttata fil-parapett tal-proprjeta' ta' Christian Psaila. L-appellanti kien ilu gurnata fil-kumpanija tal-kugin tieghu f'ghalqa, ma jispjegax kif qatta' il-hin tal-gurnata ghajr illi isemmi li kellhom xi *barbeque* u xorob erba' birra. Christian Psaila ighid li kellem lill-appellanti li kien jidher mifxul, u ighid li rah qed izappap billi kien wegga' saqajh fil-kollizzjoni. L-istess tghid Louise Fenech, mart Matthew Fenech li osservat illi l-appellanti kien wegga' saqajh u kien taht xokk. Matthew Fenech isostni illi l-appellanti kien jidher perturbat u mugugh wara l-incident izda ma kienx f'posizzjoni jindika jekk l-appellanti kienx xurban u jinsisti illi meta cempel lill-pulizija huwa qalilhom li l-appellanti ma tantx kien jidher li kien qieghed f'sikktu ghalkemm meta jaghmel ir-rapport lill-pulizija jinfurmhom illi s-sewwieq kien xurban. Fenech isostni illi fit-triq fejn sehh l-incident spiss jigru incidenti simili u dan kagun ta' sewqan eccessiv. Madanakollu f'dan il-kaz huwa ma rax l-impatt isehh u ma jafx kif kien qed isuq l-appellanti u b'liema velocita'.

Is-surgent 816 minn naha tieghu josserva illi l-appellanti kellu riha ta' xorb fuqu u li dan beda jitlef il-bilanc ta' persuntu fil-mixi. L-appellanti minn naha tieghu jishaq illi l-kawza prossima ta'l-incident kien il-fatt illi huwa sofra minn *blackout* waqt li kien qieghed isuq. Jichad li kien qed isuq b'velocita billi ghandu vettura antika Hillman hunter li ma tantx ittella' *speed*. Jichad ukoll li kien xurban. Ma jistax jaghti spjegazzjoni wara dan il-*blackout* li sofra minnu u ighid li ma marx ghal vizta ghand tabib la minhabba dan il-fatt u lanqas ghal ugigh li beda jhoss f'saqajh konsegwenza ta'l-impatt. Dan ghaliex jishaq illi sal-ghada kien ahjar.

Issa l-appellanti jibda biex jilmenta illi dak mistqarr minnu lill-pulizija ghandu jigi skartat billi meta mitkellem huwa ma inghatax il-jedd jiehu parir legali. Issa mill-provi li hemm fl-atti u senjatament mix-xhieda tal-PS816 jidher illi qabel ma gie mitkellem l-appellanti inghata t-twissija. Is-surgent, fl-affidavit tieghu, ighid illi l-appellanti "gie infurmat bid-drittijiet tieghu", u dan qabel ma kien ser jittiehed it-test tan-nifs. Fix-xhieda tieghu l-appellanti jishaq illi is-surgent ma offrielux id-dritt li ikellem avukat u semplicement qallu li seta jirrifjuta li jaghmel it-test tan-nifs, u hu ghadda biex irrifjuta. Illi anke fuq il-post ta'l-incident is-surgent ighid illi hekk kif innota illi l-appellanti kellu riha ta' xorb huwa hass li kellu jaghtih it-twissija. Issa l-appellanti ma jaghmilx kontro-ezami tax-xhieda ta' dan l-ufficjal tal-pulizija biex b'hekk din il-Qorti ghandha tifhem illi l-pulizija ta t-twissija lill-appellanti kif kienet vigenti fiz-zmien meta sehh dan is-sinistru u cioe' it-twissija li allura tinkludi l-jedd ghal parir legali. Din il-prova l-appellanti ma jirnexxileux iwaqqaghha ghajr ghal fatt illi jiddikjara fix-xhieda tieghu illi dan il-jedd ma inghatalux. Illi allura meta rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrastanti, din il-Qorti tqies illi x-xhieda ta' ufficjal tal-pulizija hija wahda aktar verosimili u li allura l-appellanti inghata l-jeddijiet kollha skont il-ligi qabel ma gie mitkellem. Kwindi dan l-aggravvju qed jigi rigettat.

Issa mid-dinamika ta' dan l-incident huwa indubitat illi l-appellanti ma kienx f'sikktu waqt li kien qed isuq tant li ma kellux kontroll tieghu innifsu. Sahansitra is-surgent 816 ighid illi lanqas kien jiflah jimxi u imkien ma jindika illi dan il-fatt kien attribwibbli ghal xi feriti li l-appellanti seta' sofra mal-impatt. Fil-fatt tant dawn il-griehi li isemmi f'saqajh ma kenux ta' konsegwenza gravi illi felah imur mal-pulizija l-ghassa minghajr il-htiega ta' xi kura medika. Illi f'dan il-kaz ghalkemm ma hemmx il-prova xjentifika illi l-appellanti kien fil-fatt xurban, billi anke irrifjuta joqghod ghat-test tan-nifs, madanakollu il-provi cirkostanzjali l-ohra huma tant determinanti illi din il-Qorti tqies illi l-Ewwel Qorti setghet ragjoneveolment tasal biex tistabilixxi r-reita' fl-appellanti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti qajla temmen lill-appellanti meta jishaq illi tah *blackout* waqt li kien qed isuq biex b'hekk spicca habat f'vettura ohra. Dan ghaliex kien jispetta lilu iressaq il-provi sabiex jikkonvinci lill min hu imsejjah biex jiggudika u dan sal-grad tal-probabbli illi sehh verament dan. L-appellanti izda lanqas jindenja ruhu jipprezenta xi certifikat mediku li tista' taghti raguni medika ghal din l-evenjenza. Ma hemmx dubbju illi l-appellanti ghal xi raguni tilef il-kontroll tal-vettura tieghu tant illi kif diga' inghad habat go vettura li kienet ipparkeggjata bl-impatt ikun wiehed qawwi hafna u anke il-hsara ikkaggjonata kienet estensiva kemm fil-vettura tal-parti leza Fenech, kif ukoll fil-parapett tar-residenza ta' Psaila. Illi mhux biss izda is-surgent 816 li jidher illi kien l-uniku persuna li kellem lill-appellanti mill-vicin ighid car u tond illi xamm riha ta' xorb biex b'hekk dan kellu suspett ragjonevoli illi kien xurban u tallbu jissottoponi ruhu ghat-test tan-nifs. Dan allura imur lil hinn mill-komportament mistenni minn sewwieq prudenti u ghaqli li matul il-hin kollu ta' sewqan ghandu ikollu l-attenzjoni shiha tieghu fuq it-triq u jezercita dik il-prudenza u attenzjoni mistennija fil-ligi. Fil-fatt kull min jezercita nuqqas ta' prudenza tant illi b'konsegwenza ta'l-istess isehh sinistru stradali ghandu iwiegeb ghal dak l-agir.

Dan ghaliex *"accident jista' minnu nnifsu jidher li x'aktarx gara minnhabba htija ta' xi persuna milli ghal kawzi ohra. Hawnhekk, jaqa' fuq dik il-persuna il-piz tal-prova biex juri li f' dak li gara ma kellux htija. Dan ghaliex jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostitwixxu dak li "in subiecta materia" jissejjah "res ipsa loquitur". S'intendi il-grad ta' prova fil-kaz ta' akkuzat jasal biss sa dak tal-probabilita' u mhux tenut li jipprova beyond "a reasonable doubt" kif jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni.*
*… Kull driver hu prezunt u mistenni li jkollu kontroll shih fuq il-vettura tieghu w jekk hu jitlef dan il-kontroll, irid jaghti spjegazzjoni ghala gralu hekk li tkun tikkonvinci ghall-inqas sal-grad tal-probabbilta'.*[2]*".* (sottolinjar tal-Qorti)

Illi dan il-grad ta' prova l-appellanti ma jirnexxielux jilhqu. Kwindi l-Qorti ghandha quddiemha biss il-fatti li iwassluha biex tistabilixxi illi sewwieq minghajr

[2] Il-Pulizija vs Kevin Caruana – App. Inf 03/04/2003

gustifikazzjoni tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u kien kagun ta' kollizzjoni li ikkawzat hsarat lil-vettura u proprjeta ta' terzi. Dan ma jistax hlief ifisser illi s-sewqan tieghu ma kienx wiehed prudenti. Biex jissostanzja dan it-twemmin tal-Qorti hemm ix-xhieda ta' ufficjal tal-pulizija li ighid illi xamm riha ta' xorb fuq l-appellanti, bl-appellanti jirrifjuta joqghod ghat-test tan-nifs. Illi l-artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

**"(1) Ebda persuna ma għandha ssuq jew tipprova ssuq jew ikollha l-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra li tkun fittriq jew f'post pubbliku ieħor jekk ma tkunx f'kundizzjoni li ssuq minħabba xorb jew drogi. (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, persuna titqies li m'hijiex f'kundizzjoni li ssuq jekk il-kapaċità tagħha li ssuq sew tkun għal xi ħin imnaqqsa."**

Illi l-provi jindikaw illi l-appellanti ma kellux dik il-kapacita fizika li isuq, illi allura kien hemm nuqqas ta' prudenza u negligenza fis-sewqan tieghu tant illi kagun ta'l-istess sehhet il-kollizzjoni. Dan ifisser allura illi ghandha tirrizulta ir-reita ghall-ewwel tlett akkuzi u ghal hames u s-sitt akkuzi migjuba kontra l-appellanti.

Issa fir-rigward tar-raba akkuza marbuta mar-reat tal-hsara involontarja, l-appellanti jilmenta illi l-prosekuzzjoni naqqset milli tressaq il-prova dwar il-hsara subita. Illi dan l-aggravvju huwa ghal kollox infondat billi kemm Matthew Fenech kif ukoll Christian Psaila xehdu dwar il-hsara li huma sofrew, wiehed fil-vettura tieghu u l-iehor fil-proprjeta tieghu, tant illi a fol.17 u 18 tal-process hemm ricevuti esebieti u dan fir-rigward tal-hsarat sofferti minn Christian Psaila. Inoltre anke ir-rapport maghmul mis-surgent 816 jindika il-hsara kollha sofferti fil-vetturi rispettivi. Kwindi dan l-aggravvju huwa infondat u qed jigi rigettat.

Finalment dwar il-*quantum* tal-piena inflitta, l-appellanti jilmenta illi din kellha tkun wahda riformattiva iktar milli punittiva u di piu' jishaq illi l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tieghu ser ikollha effett negattiv fuqu minhabba li konsegwenza ta'l-istess huwa ser jitlef l-impjieg tieghu. Issa din il-Qorti ma tistax tifhem ir-raguni wara l-ilment ta'l-appellanti billi kellu jkun evidenti ghalih illi l-Ewwel Qorti kienet

miti ferm mieghu meta imponiet multa ta' €500 u skwalifika ta' licenjza tas-sewqan fil-minimu. Dan ghaliex biss biss il-piena marbuta mar-reati tat-traffiku kif indikat fl-artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta kellha tkun dik tal-multa ta' mhux anqas minn €1200. Issa l-Ewwel Qorti ghal xi raguni li ma tohrogx mid-decizjoni impunjata, nizzlet taht dan il-minimu meta ghaddiet biex tinfliggi il-piena ta' €500. Mhux biss izda is-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan hija wahda tassattiva fuq il-Qorti. Kwindi din l-impunjattiva hija ghal kollox fiergha u ser tigi rigettata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni impunjata ikkonfermata.

Edwina Grima
Imhallef